



## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-ISTABBILTÀ FINANZJARJA, IS-SERVIZZI  
FINANZJARJI U L-UNJONI TAS-SWIEQ KAPITALI

Brussell, is-7 ta' Lulju 2020  
REV2- tissostitwixxi l-avviż (REV1)  
datat it-8 ta' Frar 2018

### AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

#### IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAL-IMMANIĠĠJAR TA' ASSI

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit irtira mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"<sup>1</sup>. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ<sup>2</sup> jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Sa dik id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih<sup>3</sup>.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinneozjaw ftehim dwar sħubija ġdida. Madankollu, m'hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim joħloq relazzjoni li tkun differenti ħafna mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern<sup>4</sup>.

Barra minn hekk, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit se jkun pajjiż terz fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE fl-Istati Membri tal-UE.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar l-implikazzjonijiet tas-sitwazzjoni legali applikabbli li t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni se jkollu fuq l-attivitajiet tagħhom.

#### **Avviż lill-partijiet ikkonċernati:**

Huwa rrakkomandat li l-kumpaniji maniġerjali tal-UCITS<sup>5</sup> u l-maniġers ta' Fond ta' Investiment Alternattiv (AIF) (AIFMs) jivvalutaw il-konsegwenzi ta' tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni fid-dawl ta' dan l-avviż u jieħdu azzjoni xierqa, bħal pereżempju li jiksbu awtorizzazzjoni biex jimmaniġġaw AIFs mhux tal-UE (UCITS jew AIFs preċedement tar-Renju Unit), li jinformat lill-investituri dwar il-konsegwenzi ta' tmiem il-perjodu ta'

<sup>1</sup> Pajjiż terz huwa pajjiż mhux Stat Membru tal-UE.

<sup>2</sup> Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU C 29 I, 31.1.2020, p. 7 ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ").

<sup>3</sup> Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż .

<sup>4</sup> B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprovdi għal kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonoxximent reċiproku

<sup>5</sup> Impriżi ta' Investiment Kollettiv f'Titoli Trasferibbli

tranżizzjoni u li jirrevedu, meta jkun xieraq, id-delega ta' ċerti funzjonijiet operazzjonali lil fornituri stabbiliti fir-Renju Unit. Wara l-bidla fl-istatus legali tal-fondi tar-Renju Unit, l-investituri għandhom jivverifikaw ukoll meta jkun xieraq il-modifika tal-eliġibbiltà tal-investimenti tagħhom.

Għalhekk, il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha huma mħeġġa bil-qawwa jieħdu vantaġġ mill-żmien sal-31 ta' Diċembru 2020 biex jiżguraw li jkunu hađu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex iħejju għal tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

**Innota:** Dan l-avviż ma jindirizzax

- Ir-regoli tal-UE dwar il-kunflitt ta' liġijiet u ġurisdizzjonijiet (“kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali”);
- il-liġi tal-kumpaniji tal-UE;
- Ir-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* personali.

Għal dawn l-aspetti, qegħdin jitħejjew avviżi oħrajn jew ġew ippubblikati<sup>6</sup>.

Wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE fil-qasam tal-immaniġġjar tal-assi, partikolarment id-Direttiva 2009/65/KE dwar Impriżi ta' Investiment Kollettiv f'Titoli Trasferibbli<sup>7</sup> (“id-Direttiva UCITS”) u d-Direttiva 2011/61/UE dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit. Dan għandu l-konsegwenzi partikolari li ġejjin:

## 1. ATTIVITÀ TA' MMANIĠĠJAR TA' ASSI FIR-RENJU UNIT

- Entitajiet awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit li jimmaniġġjaw impriżi ta' investiment kollettiv (minn hawn' il quddiem “entitajiet awtorizzati mir-Renju Unit”) f'konformità mad-Direttiva 2009/65/KE u d-Direttiva 2011/61/UE ma jibqgħux jibbenefikaw minn din l-awtorizzazzjoni<sup>8</sup> madwar l-UE (se jitilfu l-hekk imsejjaħ “passaport tal-UE”) u se jiġu ttrattati bħala maniġers tal-AIF minn pajjiżi terzi. Dan ifisser li dawk l-entitajiet tar-Renju Unit mhumiex ser jibqgħu jkunu jistgħu jamministraw fondi u fondi tas-swieq fl-UE abbażi tal-awtorizzazzjonijiet attwali tagħhom:
  - Fir-rigward tal-UCITS, l-EuVECA<sup>9</sup>, l-EuSEF<sup>10</sup> u l-ELTIF<sup>11</sup>, kemm il-fondi ta' investiment kif ukoll il-maniġers tagħhom iridu jkunu stabbiliti u

<sup>6</sup> [https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/getting-ready-end-transition-period\\_mt](https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/getting-ready-end-transition-period_mt).

<sup>7</sup> Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

<sup>8</sup> L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2009/65/KE, l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2011/61/UE.

<sup>9</sup> Fond Ewropew ta' Kapital ta' Riskju.

<sup>10</sup> Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropej.

<sup>11</sup> Fond Ewropew tal-Investment fuq Terminu Twil.

rreġistrati fl-UE biex ikunu jistgħu jimmaniġġjaw u jikkummerċjalizzaw fondi lil investituri fil-livell tal-konsumatur<sup>12</sup> u lil investituri professjonali madwar l-Unjoni.

- Il-manigġers tal-AIF iridu jkunu stabbiliti u awtorizzati fl-UE biex ikunu jistgħu jimmaniġġjaw u jikkummerċjalizzaw AIFs lil investituri professjonali madwar l-UE.
- B'konsegwenza ta' dan, l-impriżi ta' investiment kollettiv kollha li huma rreġistrati jew awtorizzati fir-Renju Unit ser jitqiesu bħala fondi ta' investiment kollettiv mhux tal-UE (AIFs mhux tal-UE). Dan japplika għal:
  - Impriżi ta' Investiment Kollettiv f'Titoli Trasferibbli (UCITS)
  - Fondi ta' investiment alternattiv (AIFs)
  - Fondi Ewropej ta' Kapital ta' Riskju (EuVECA)<sup>13</sup>;
  - Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropej (EuSEF)<sup>14</sup>;
  - Fondi Ewropej tal-Investment fuq Termini Twil (ELTIF)<sup>15</sup>; kif ukoll
  - Fondi tas-Suq Monetarju (MMF)<sup>16</sup>.
- L-adattamenti u l-istrategġiji tal-kumpaniji tal-ġestjoni tal-UCITS, tal-AIFMs u tal-investituri u l-istrategġiji tal-investituri jridu jkunu lesti għas-sitwazzjoni fejn l-entitajiet stabbiliti mir-Renju Unit ma jkunux jistgħu jibbenefikaw mir-reġim stabbilit fid-Direttiva 2011/61/UE. Għandu jiġi nnutat li r-reġim tal-passaport ta' pajjiż terz fid-Direttiva 2011/61/UE qatt ma ġie attivat.
- L-Istati Membri jistgħu jippermettu lil manigġers tal-AIF li ma jkunux stabbiliti u awtorizzati fl-UE li jikkummerċjalizzaw AIFs (AIFs tal-UE u AIFs mhux tal-UE) fit-territorju tagħhom skont l-hekk imsejħa Reġimi Nazzjonali ta' Kollokament Privat<sup>17</sup> (minn hawn 'il quddiem imsejħa "NPPR"). Id-Direttiva 2011/61/UE tagħti l-Istati Membri d-diskrezzjoni dwar jekk jattivawx l-NPPR u jekk jistipulawx regoli aktar stretti lil hinn mir-reqwiziti minimi stipulati fid-Direttiva. Xi Stati Membri ma jippermettux l-NPPR filwaqt li Stati Membri oħrajn jippermettu biss il-kummerċjalizzazzjoni lil investituri professjonali.

<sup>12</sup> L-EuVECA u l-EuSEF jistgħu jiġu kkummerċjalizzati biss lil investituri fil-livell ta' konsumatur sakemm jiġu rrispettati l-limitazzjonijiet imposti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 345/2013 u l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 346/2013. L-ELTIF jistgħu jiġu kkummerċjalizzati biss lil investituri fil-livell ta' konsumatur skont il-limitazzjonijiet imposti fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 2015/760.

<sup>13</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju ĠU L 115, 25.4.2013, p. 1.

<sup>14</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej ĠU L 115, 25.4.2013, p. 18.

<sup>15</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-Fondi Ewropej ta' Investiment fuq Termini Twil ĠU L 123, 19.5.2015, p. 98.

<sup>16</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 2017/1131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-fondi tas-suq monetarju ĠU L 169, 30.6.2017, p. 8.

<sup>17</sup> Skont l-NPPRs, entitajiet minn pajjiżi terzi ma jibbenefikawx minn passaporti tal-UE fil-qafas tas-suq uniku għaliex kull NPPR ikun validu biss għall-Istat Membru kkonċernat. Id-Direttiva 2011/61/UE tinkludi sett ta' kundizzjonijiet minimi skont l-NPPR għal (i) entitajiet minn pajjiżi terzi (pereżempju manigġers mhux mill-UE għandhom jikkonformaw ma' uħud mir-reqwiziti tad-Direttiva 2011/61/UE bħar-rapport annwali, id-divulgazzjoni lill-investituri u r-rappurtar), u (ii) pajjiż terz (pereżempju iridu jkunu fis-seħħ ftehimiet ta' kooperazzjoni xierqa bejn l-awtorità kompetenti tal-UE u l-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiż terz).

- Kumpaniji maniġerjali tal-UCITS jew maniġers tal-AIF awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tal-UE f'konformità mal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2009/65/KE jew Artikolu 6 tad-Direttiva 2011/61/UE li jkunu sussidjarji ta' entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit (kumpaniji legalment indipendenti stabbiliti fl-UE u kkontrollati minn entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit jew affiljati magħhom) huma kumpaniji tal-UE u jistgħu jibqgħu joperaw abbażi tal-awtorizzazzjoni tagħhom bħala kumpaniji maniġerjali tal-UCITS u maniġers tal-AIF fl-UE.
- Ferġat ta' maniġers mir-Renju Unit (preżenzi permanenti li ma jkunux legalment indipendenti mill-maniġer tal-AIF) fl-UE ser jitqiesu bħala ferġat ta' maniġers tal-AIF mhux mill-UE minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Dawk il-ferġat ser ikunu suġġetti għar-rekwiżiti tal-NPPRs fl-Istati Membri kkonċernati, fejn ikunu disponibbli.

## 2. ATTIVITÀ TA' MMANIĠĠJAR TA' ASSI FL-UE

- Wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, il-UCITS u l-AIFs awtorizzati jew irreġistrati fir-Renju Unit skont id-Direttiva 2009/65/KE jew id-Direttiva 2011/61/UE se jkunu AIFs mhux tal-UE (ara aktar 'il fuq). Entitajiet awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tal-UE f'konformità mad-Direttiva 2009/65/Ke(minn(minn hawn 'il quddiem "il-kumpaniji maniġerjali tal-UCITS tal-UE") li jimmaniġġjaw dawk li preċedentement kienu UCITS awtorizzati fir-Renju Unit jeħtieġ jiksbu awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2011/61/UE biex jimmaniġġjaw AIFs mhux tal-UE.
- L-AIFMs stabbiliti u awtorizzati jew irreġistrati fl-UE li jimmaniġġjaw AIFs mhux mill-UE li mhumiex kummerċjalizzati fl-UE jridu jikkonformaw mad-Direttiva 2011/61/UE (minbarra r-regoli dwar id-depożitarju u r-rapport annwali). Il-ftehimiet ta' kooperazzjoni għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-UE u l-awtoritajiet tal-pajjiż terz rilevanti jridu jkunu fis-seħħ (l-Artikolu 34 tad-Direttiva 2011/61/UE). Fin-nuqqas ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni bħal dawn, l-AIFMs stabbiliti u awtorizzati jew irreġistrati fl-UE ma jistgħux jimmaniġġjaw u jikkummerċjalizzaw AIFs mhux tal-UE bħal dawn.
- Skont l-Artikolu 36 tad-Direttiva 2011/61/UE, il-kummerċjalizzazzjoni ta' AIFs mhux tal-UE mmaniġġjati minn maniġer tal-AIF stabbilit u awtorizzat jew irreġistrat fl-UE huwa suġġett għall-NPPR, li huwa fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jimponu regoli aktar stretti fuq din il-kategorija ta' AIFM fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni ta' tali fondi ta' investment. Huma jistgħu jagħżlu wkoll li ma jippermettu l-ebda kummerċjalizzazzjoni ta' tali AIFs mhux tal-UE.
- Skont ir-regoli dwar id-divulgazzjoni lill-investituri fid-Direttiva 2009/65/KE u d-Direttiva 2011/61/UE, il-kumpaniji maniġerjali u l-AIFMs iridu jieħdu numru ta' miżuri biex jinfurmaw lill-investituri dwar il-konsegwenzi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, b'mod partikolari:
  - L-AIFMs għandhom jiżvelaw lill-investituri kull bidla materjali fl-informazzjoni li hija meħtieġa li tiġi żvelata skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2011/61/UE, li tinkludi, iżda mhijiex limitata għal, l-implikazzjonijiet legali tar-relazzjoni kuntrattwali li tkun daħlet għalihom għall-fini tal-investment.

- Skont l-Artikoli 72 u 78 tad-Direttiva 2009/65/KE, il-kumpaniji maniġerjali tal-UCITS għandhom iżommu aġġornati l-elementi essenzjali tal-prospett u dokument bit-tagħrif ewlieni għall-investitur. Dak jinkludi informazzjoni dwar l-Istati Membri fejn il-kumpanija maniġerjali tkun awtorizzata u fejn il-UCITS tkun immaniġġjata jew ikkummerċjalizzata b'mod transfruntier.

Għaldaqstant, il-kumpanija maniġerjali u l-AIFMs iridu jivvalutaw jekk il-bidla fl-istatus legali tal-fond ta' investiment tkunx għadha konformi mal-istrateġija ta' investiment tal-fond kif ikkomunikat qabel lill-investituri.

- Fir-rigward tal-assi li fihom jinvestu l-fondi regolati mill-liġi tal-UE, id-Direttiva 2009/65/KE u d-Direttiva 2011/61/UE ma jipprojbixxux investiment f'assi eliġibbli li jkunu jinsabu barra mill-UE. Madankollu, ser ikun hemm restrizzjonijiet fuq strutturi ta' fond ta' fondi; b'mod partikolari jeħtieġ li UCITS awtorizzati fl-UE jivvalutaw l-eliġibbiltà tal-UCITS li preċedentement kienu awtorizzati fir-Renju Unit.<sup>18</sup>
- L-investituri tal-UE għandhom jirrevedu l-kriterji ta' investiment tagħhom biex jivvalutaw il-konformità fir-rigward tal-fondi ta' investiment kollettiv li huma investew wara l-bidla fl-istatus legali ta' dawk il-fondi (eż. AIF mhux tal-UE minflok UCITS).
- Id-delegar ta' ċerti funzjonijiet lil fornituri stabbiliti fir-Renju Unit tkun tista' ssir sakemm dan ikun konformi tar-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva 2009/65/KE u tad-Direttiva 2011/61/UE<sup>19</sup>. B'mod partikolari, fejn id-delega tkun tikkonċerna l-immaniġġjar ta' portafolji jew l-immaniġġjar tar-riskju (jew immaniġġjar ta' investiment għall-UCITS) u tingħata lil impriża stabbilita f'pajjiż terz, jenħtieġ li jkun hemm fis-seħħ ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-kumpanija maniġerjali tal-UCITS jew tal-maniġer tal-AIF u l-awtorità superviżorja tal-impriża li tkun qed twettaq il-funzjoni delegata fil-pajjiż terz. Barra minn hekk, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) ħarġet opinjoni li tinkludi kjarifiki ċari dwar dawn il-kwistjonijiet, partikolarment dwar ir-riskji ta' kumpaniji fittizji "letter-box entities" li jistgħu jirriżultaw mill-użu ta' arranġamenti ta' esternalizzazzjoni jew mill-użu ta' fergħat mhux mill-UE għall-prestazzjoni ta' funzjonijiet/servizzi fir-rigward ta' klijenti mill-UE. Jeħtieġ li l-użu ta' fergħat mhux mill-UE jkun imsejjes fuq raġunijiet oġġettivi marbuta mas-servizzi pprovduti fil-ġurisdizzjoni barra l-UE u ma jistax jirriżulta f'sitwazzjoni fejn fergħat bħal dawk mhux mill-UE jwettqu funzjonijiet materjali jew jipprovdu servizzi materjali direzzjonati lejn l-UE<sup>20</sup>.

<sup>18</sup> Il-valutazzjoni tal-eliġibbiltà skont l-Artikoli 52 u 55 tad-Direttiva 2009/65/KE.

<sup>19</sup> L-Artikolu 20 tad-Direttiva 2011/61/UE speċifikat mill-Artikoli 75 sa 82 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2013 u l-Artikolu 13 tal-UCITS. Bħala parti mir-rieżami tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej ("ESAs") adottat fl-20 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni pproponiet koordinazzjoni msaħħa mill-ESAs fir-rigward tad-delegar u l-esternalizzazzjoni ta' attivitajiet kif ukoll ta' trasferiment tar-riskju (COM(2017)536 finali).

<sup>20</sup> L-opinjoni tal-ESMA li tappoġġa l-konverġenza superviżorja fil-qasam tal-immaniġġjar tal-investiment fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (it-13 ta' Lulju 2017) (<https://www.esma.europa.eu/document/opinion-support-supervisory-convergence-in-area-investment-management-in-context-united>).

- Skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/61/UE u l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2009/65/KE, id-depożitarju tal-AIF u l-UCITS tal-UE awtorizzati fl-UE jrid ikollhom is-sede tagħhom fl-Istat Membru tad-domiċilju tal-fond. L-Artikolu 22a tad-Direttiva 2009/65/KE u l-Artikolu 21(11) tad-Direttiva 2011/61/UE jistipulaw ir-rekwiżiti għad-delegar lil parti terza ta' funzjonijiet ta' kustodja. Meta funzjonijiet ta' salvagwardja jkunu ġew delegati lil entità stabbilita fir-Renju Unit, il-UCITS u l-AIFs ikollhom bżonn juru raġunijiet oġġettivi għad-delega u jiksbu opinjoni legali minn parti indipendenti dwar l-adeqgatezza tal-liġijiet tal-insolvenza tar-Renju Unit. Jenħtieġ li d-depożitarji jiżguraw ukoll li tali parti terza tikkonforma mal-liġijiet nazzjonali tagħhom li jiżguraw il-benefiċċji tas-segregazzjoni tal-assi u tikkomunika lid-depożitarju kwalunkwe bidla fil-liġi tal-insolvenza applikabbli u l-applikazzjoni effettiva tiegħu.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar il-fondi ta' investment ([https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/growth-and-investment/investment-funds\\_en](https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/growth-and-investment/investment-funds_en)) jipprovdi informazzjoni ġenerali dwar l-immaniġġjar tal-assi. Dawk il-paġni jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għall-Istabbiltà Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji, u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali